

Rakkomandazzjoni

dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru



Rakkomandazzjoni dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru

Werrej

1.	Sommarju Eżekuttiv	3
2.	L-isfond u r-raġunijiet	4
3.	Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar il-prestazzjoni ta' eżerċizzju ta' pjan ta' rkupru mifrux mal-UE kollha	6
	Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru	8
	Anness 1	11
	Anness 2	13
	Mudell għall-pjan ta' rkupru	13
	A. Farsa ġenerali	13
	B. Il-qalba tal-pjan ta' rkupru	16
	C. Segwitu	20
4.	Feedback dwar il-konsultazzjoni pubblika	21
5.	Konferma tal-konformità mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet	22

1. Sommarju Eżekuttiv

1. Ir-rakkomandazzjoni mehmuża dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru huma bbażati fuq id-dmir tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament tal-UE Nru 1093/2010 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Regolament dwar l-EBA") li tikkontribwixxi u tipparteċipa b'mod attiv fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' pjanijiet effettivi u konsistenti ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni. Il-Bord tas-Superviżuri tal-EBA qabel, li sal-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (l-hekk imsejjaħ direttiva tal-ġestjoni tal-kriżijiet, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "CMD"), il-mezz l-aktar effettiv għat-twettiq ta' dan id-dmir huwa l-ħruġ tar-rakkomandazzjoni mehmuża lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-EBA.
2. Meta jitqies li mill-inqas 15-il bank fl-Unjoni diġà bdew jabbozzaw pjanijiet ta' rkupru b'segwitu tal-inizjattiva tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), u li qegħdin jittieħdu inizjattivi nazzjonali oħra ukoll, l-għan tar-rakkomandazzjoni huwa li tiġi żgurata l-konsistenza tul l-Unjoni u l-konverġenza fuq l-ogħla standards, billi jiġi estiż l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru għall-istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej identifikati fl-anness għar-rakkomandazzjoni u l-iżgurar li l-pjanijiet ikunu diskussi fi ħdan il-kulleġġi superviżorji rispettivi, li huma mmonitorjati mill-qrib mill-EBA.
3. Għal dan il-għan, għandhom jiġu abbozzati pjanijiet ta' rkupru tal-grupp skont l-istandards internazzjonali maqbula taħt il-patroċinju tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja u b'mod konsistenti mal-mudell mehmuż fl-Anness 2 ("il-mudell") li, wara d-Dokument ta' Diskussjoni tal-EBA (DP) dwar il-pjanijiet ta' rkupru ppubblikat fil-15 ta' Mejju 2012, ikopri l-elementi ewlenin u l-kwistjonijiet essenzjali li għandhom jiġu indirizzati fi pjan ta' rkupru.

2. L-isfond u r-raġunijiet

4. Diversi banek fi Stati Membri differenti qegħdin attwalment jabbozzaw pjanijiet ta' rkupru, wara inizjattivi meħuda fil-livell internazzjonali kif ukoll fi ħdan l-Unjoni Ewropea (UE).
5. Fuq il-livell dinji, l-inizjattivi dwar l-ippjanar ta' rkupru u riżoluzzjoni - approvati mill-mexxejja tal-G20 fis-Summit ta' Pittsburgh fl-2009 - qed jiġu kkoordinati taħt l-awspiċi tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), li fil-Kwalitajiet Ewlenin ta' Reġimi Effettivi għal Riżoluzzjoni għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji (KAs) tiegħu jidentifika l-elementi essenzjali tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni (RRPs), u jirrakkomanda li pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni (RRPs) jkunu fis-seħħ għall-istituzzjonijiet finanzjarji globali kollha li huma sistematikament importanti (G-SIFs) u għal ditti oħra li jista' jkollhom impatt fuq l-istabilità finanzjarja fil-każ ta' falliment.
6. Fuq il-livell tal-UE, wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-Prevenzjoni, il-Ġestjoni u r-Riżoluzzjoni tal-Kriżijiet, tat-18 ta' Mejju u tas-7 ta' Diċembru 2010, li rawmu l-iżvilupp tal-RRPs għallinqas għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li għalihom qed jiġi kkontemplat Grupp ta' Stabilità Transkonfinali (CBSG), fis-6 ta' Ġunju 2012 il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal direttiva li tistabbilixxi qafas għall-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet (l-hekk imsejħa direttiva tal-ġestjoni tal-kriżijiet – minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "CMD"). Inter alia l-proposta tagħti dettalji tan-natura u l-kontenut tar-RRPs, tiċċara l-ambitu tal-applikazzjoni tagħhom, u tiddefinixxi aktar ir-rwol u s-setgħat tal-EBA u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs).
7. Madankollu, bosta Stati Membri diġà introduċew jew bdew jabbozzaw leġislazzjoni speċifika dwar r-RRPs. F'għadd ta' każijiet, dawn l-inizjattivi qegħdin jindirizzaw talbiet speċifiċi sabiex isiru riformi fir-reġimi ta' riżoluzzjoni fil-kuntest tal-programm ta' assistenza finanzjarja tal-IMF / UE. Min-naħa l-oħra, bosta NCAs involvew ruħhom direttament fil-proċess tal-abbozzar tar-RRP, anki meta dawn ma jkollhom l-ebda leġiżlazzjoni speċifika dwar din il-kwistjoni, minħabba l-involvement tagħhom bħala membri tal-FSB fil-ħidma internazzjonali dwar is-SIFs.
8. Minbarra s-setgħat u l-kompiti tal-EBA li sejrini ikunu definiti mis-CMD, l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar l-EBA diġà jassenja b'mod ġenerali lill-EBA l-kompitu li tikkontribwixxi u tipparteċipa b'mod attiv fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' RRPs effettivi u konsistenti. Fid-dawl ta' dan il-kompitu, u meta jitqiesu l-iżviluppi fl-istadji internazzjonali u nazzjonali, l-EBA iddeċidiet li tissettja diskussjoni u tiġbor il-fehmiet tal-partijiet interessati fi stadju bikri tal-proċess li se jintroduċi pjanijiet ta' rkupru bħala rekwiżit leġiżlattiv ġenerali Ewropew.
9. Għal dan il-għan, fil-15 ta' Mejju 2012 l-EBA ppubblikat dokument ta' diskussjoni dwar il-pjanijiet ta' rkupru (minn hawn 'il quddiem imsejħa "DP") li ppreżenta l-elementi ewlenin u l-kwistjonijiet essenzjali li għandhom jiġu indirizzati fi pjan ta' rkupru, skont l-KAs tal-FSB. Għal dan il-għan id-DP inkluda "mudell għall-pjan ta' rkupru" possibbli. B'kolloxx l-EBA irċeviet 25 risposta għad-DP (li minnhom 5 ma ġewx ippubblikati fuq il-websajt tal-EBA fuq talba tar-rispondenti), li b'mod ġenerali offrew reazzjonijiet pożittivi dwar l-istruttura u l-kontenut tal-mudell.

-
10. Id-DP jirrappreżenta bażi utli għall-kompiti regolatorji tal-EBA previsti fis-CMD, sabiex jiġi żgurat li l-pjanijiet ta' rkupru jkunu abbozzati u evalwati b'mod konsistenti tul l-Unjoni. Madankollu, mhux sejra tkun ipprovduta referenza komuni Ewropea għall-NCAs sakemm il-proċess leġiżlattiv għas-CMD jitlesta.
11. Sabiex timla' dan il-vojt ta' żmien u tixpruna l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru waqt li tipprovdi gwida biex tiżgura l-konverġenza dwar l-ogħla standards, l-EBA ħejjiet ir-rakkomandazzjoni meħmuża li hija indirizzata lin-NCAs li huma s-superviżuri lokali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu elenkati f'anness 1 għar-rakkomandazzjoni. Hija tirrakkomandalhom li jiżguraw li sa tmiem l-2013 il-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp ikunu abbozzati u ppreżentati lill-awtoritajiet superviżorji. Fir-rigward tal-kontenut tal-pjanijiet ta' rkupru, ir-rakkomandazzjoni tiddikjara li l-pjanijiet għandhom ikunu konsistenti mal-qafas tal-FSB u l-istandards previsti fil-mudell meħmuż mar-rakkomandazzjoni. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru, din tirrikjedi li dawn il-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp jiġu ppreżentati u diskussi fil-kulleġġi superviżorji, li għandhom jingħataw valutazzjoni komuni.

3. Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar il-prestazzjoni ta' eżerċizzju ta' pjan ta' rkupru mifrux mal-UE kollha

Status ta' din ir-Rakkomandazzjoni

1. Dan id-dokument jiġbor fih rakkomandazzjoni maħruġa fuq il-bażi legali tal-Artikolu 16(1) u tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament dwar l-EBA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EBA, l-awtoritajiet kompetenti jridu jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet.
2. Ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi l-fehma tal-EBA dwar prattiki xierqa ta' superviżjoni fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja fil-qasam tal-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' ppjanar ta' rkupru effettiv u konsistenti bl-għan li tnaqqas kemm tista' l-impatt sistematiku potenzjali ta' kwalunkwe falliment. Għaldaqstant, l-EBA tistenna li l-awtoritajiet kompetenti kollha, li lilhom din ir-rakkomandazzjoni hi indirizzata, jikkonformaw magħha. Dawk l-awtoritajiet kompetenti li għalihom tgħodd din ir-rakkomandazzjoni, għandhom jikkonformaw magħha billi jintegrawha fil-prattiki ta' superviżjoni tagħhom kif inhu xieraq (pereżempju, billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi ta' superviżjoni tagħhom).

Rekwiżiti ta' Rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-EBA dwar jekk humiex konformi jew jekk humiex bi ħsiebhom jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni, jew, f'każ li le, dwar ir-raġunijiet għaliex mhux bi ħsiebhom jikkonformaw, sat-23 ta' Marzu 2013. Fin-nuqqas ta' notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jiġu meqjusa mill-EBA bħala non-konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu permezz tas-sottomissjoni tal-formola pprovduta f'Sezzjoni 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/REC/2013/02'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni bl-awtorità meħtieġa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.
4. In-notifiki jiġu ppublikati fuq il-websajt tal-EBA skont l-Artikolu 16(3).

Werrej

Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru	8
Anness 1	11
Anness 2	13
Mudell għall-pjan ta' rkupru	13
A. Farsa ġenerali	13
B. Il-qalba tal-pjan ta' rkupru	16
C. Segwitu	20

Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru

IL-BORD TAS-SUPERVIŻURI TAL-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010, li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) u l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni EBA DC 001 tal-Awtorità Bankarja Ewropea ("EBA") tat-12 ta' Jannar 2011, li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Wara l-Konklużjonijiet tal-Mexxejja tal-G-20 fis-Summit ta' Pittsburgh fil-2009, il-Bord tal-Istabilità Finanzjarja, f'Ottubru tal-2011, ħareġ il-Kwalitajiet Ewlenin ta' Reġimi ta' Riżoluzzjoni Effettivi għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"FSB KAs") li stabilixxew l-elementi ewlenin li l-FSB iqis neċessarji għal reġim ta' riżoluzzjoni effettiv, inklużi r-reqwiżiti speċifiċi għall-ippjanar tal-irkupru u tar-riżoluzzjoni.
- (2) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-Prevenzjoni, il-Ġestjoni u r-Riżoluzzjoni tal-Kriżijiet tat-18 ta' Mejju u tas-7 ta' Diċembru 2010 ipprevedew li l-pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu abbozzati mill-inqas għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li għalihom qed jiġi kkontemplat Grupp ta' Stabilità Transkonfinali (CBSG), u li l-eżerċizzji ta' simulazzjoni ta' kriżi għandhom jitwettqu fi ħdan is-CBSG sal-aħħar tal-2012.
- (3) Fil-15 ta' Mejju 2012 l-EBA ppublikat dokument ta' diskussjoni dwar pjanijiet ta' rkupru li ppreżenta l-elementi ewlenin u kwistjonijiet essenzjali li għandhom jiġu indirizzati fi pjan ta' rkupru, skont l-FSB KAs. Għal dan l-għan id-diskussjoni kienet tinkludi "mudell għal pjan ta' rkupru possibbli". Ir-reazzjonijiet għad-dokument ta' diskussjoni kienu b'mod ġenerali favur il-kontenut tal-mudell u xi wħud mill-kummenti li waslu huma riflessi fil-mudell mehmuż ma' din ir-rakkomandazzjoni.
- (4) Diversi Stati Membri qegħdin jikkontemplaw li jintroduċu jew diġa' introduċew reqwiżiti għall-pjanijiet ta' rkupru tal-banek, li huma mħarsa f'livell nazzjonali.
- (5) Fis-6 ta' Ġunju 2012 il-Kummissjoni Ewropea ppublikat proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (COM(2012) 280 finali).

-
- (5) Fil-perijodu *interim* qabel l-approvazzjoni tal-proposta leġiżlattiva, sabiex jagħtu spinta lill-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru b'mod konsistenti tul l-Unjoni u biex joħloqu konverġenza fl-ogħla standards, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiġu rakkomandati biex jiżguraw li tal-anqas il-gruppi bankarji identifikati fl-anness għal din ir-rakkomandazzjoni, iħejju pjanijiet ta' rkupru u jiddiskutuhom fi fhdan il-kulleġġi ta' superviżjoni, taħt ir-rwol ta' sorveljanza tal-EBA.
- (7) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tiġi ppublikata fuq il-websajt tal-EBA.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness 1, bħala l-awtoritajiet nazzjonali statali li għandhom ir-responsabbiltà ewlenija għas-sorveljanza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu elenkati fl-Anness 1, huma rakkomandati li jiżguraw li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiżviluppaw pjanijiet ta' rkupru u jippreżentawhom lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2013.
2. Il-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp għandhom jiġu abbozzati skont il-mudell mehmuż fl-Anness 2 (il-mudell) li hu konsistenti mal-istandards internazzjonali maqbula taħt l-awspiċi tal-Bord ta' Stabilità Finanzjarja (FSB).
3. Il-mudell għandu jiġi meqjus bħala gwida li tinforma dwar il-proċess ta' żvilupp u l-abbozzar tal-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp meħtieġa.
4. Kwalunkwe diverġenza mill-istandards stipulati fil-mudell għandha tkun iġġustifikata b'mod oġġettiv, bir-raġunijiet dokumentati mill-istituzzjoni ta' kreditu.
5. L-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness 1 għandhom jiddiskutu l-iżvilupp tal-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp, u l-pjan ta' rkupru tal-grupp ippreżentat lilhom, ma' awtoritajiet kompetenti oħra li qegħdin jipparteċipaw fi fhdan il-kulleġġ rilevanti ta' superviżuri filwaqt li jikkunsidraw il-pjanijiet ta' rkupru tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma parti mill-grupp, jekk dawn tal-aħħar ikunu ġew ippreparati. Fejn ikunu ġew stabbiliti Gruppi ta' Ġestjoni tal-Kriżi (CMGs) taħt l-awspiċi tal-FSB, id-diskussjoni fi fhdan il-kulleġġ rilevanti ta' superviżuri għandu jikkonsidra l-outputs rilevanti tas-CMGs.
7. L-awtoritajiet kompetenti kollha li qegħdin jipparteċipaw fil-kulleġġ ta' superviżuri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni marbuta mal-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp.
8. L-awtoritajiet kompetenti li jipparteċipaw fil-kulleġġ għandhom jaħdmu biex jassiguraw li jillħqu qbil komuni dwar il-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjonijiet ta' kreditu bħala parti mill-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp tagħhom.

-
9. L-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness 1 għandhom japplikaw din ir-rakkomandazzjoni u jfittxu li jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu speċifikati fl-ewwel punt ta' din ir-rakkomandazzjoni jikkonformaw magħha b'mod effettiv sabiex jġi ffaċilitat l-iżvilupp u l-valutazzjoni fil-ħin ta' pjanijiet xierqa ta' rkupru tal-grupp.

Magħmul f'Londra, 22 ta' Jannar 2013

Andrea Enria (President, EBA)

Anness 1

Il-lista li ġejja tidentifika l-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-awtoritajiet kompetenti b'responsabbiltà superviżorja primarja fuqhom li huma soġġetti għal din ir-Rakkomandazzjoni.

	Isem tal-bank	Awtorità Nazzjonali Kompetenti
1	Erste Group Bank AG	Finanzmarktaufsicht (Awtorità għas-Suq Finanzjarju)
2	Raiffeisen Zentralbank AG	
3	KBC Group NV	Banque Nationale de Belgique (Bank Ċentrali tal-Belġju)
4	Dexia	
5	Bank of Cyprus Public Company Limited	Bank Ċentrali ta' Ċipru
6	Cyprus Popular Bank Public Co Ltd	
7	Bayerische Landesbank	Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (BaFin) Deutsche Bundesbank (Bank Ċentrali tal-Ġermanja)
8	Commerzbank AG	
9	Deutsche Bank AG	
10	Deutsche Zentral-Genossenschaftsbank AG	
11	Danske Bank A/S	Finanstilsynet (Awtorità Superviżorja Finanzjarja Daniża)
12	Alpha Bank AE	Bank tal-Greċja
13	Eurobank Ergasias	
14	National Bank of Greece	
15	Piraeus Bank	
16	Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA	
17	Banco Santander SA	Banco de España (Bank ta' Spanja)
18	BNP Paribas SA	Autorité de Contrôle Prudentiel (ACP) Banque de France (Bank Ċentrali ta' Franza)
19	Crédit Agricole Group	
20	Groupe BPCE	
21	Société Générale SA	
22	OTP Bank Nyrt.	Hungarian Financial Supervisory Authority (HFSA) (Awtorità Superviżorja Finanzjarja Ungeriża)
23	Allied Irish Banks, Plc	Bank Ċentrali tal-Irlanda
24	Bank of Ireland	
25	Intesa Sanpaolo SpA	
26	UniCredit SpA	Banca d'Italia (Bank Ċentrali tal-Italja)
27	ABN AMRO Group NV	De Nederlandsche Bank (DNB)
28	ING Bank N.V.	
29	Rabobank Group	
30	DNB Bank ASA	Finanstilsynet (Awtorità Superviżorja Finanzjarja Norveġiża)
31	Banco Comercial Português SA	Banco de Portugal (Bank Ċentrali tal-Portugall)

32	Nordea Bank AB	Finansinspektionen (Awtorità Superviżorja Finanzjarja Svediża)
33	Skandinaviska Enskilda Banken AB	
34	Svenska Handelsbanken AB	
35	Swedbank AB	
36	Barclays Plc	Financial Services Authority (FSA) (Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji)
37	HSBC Holdings Plc	
38	Lloyds Banking Group Plc	
39	Royal Bank of Scotland Group Plc	

Anness 2

Mudell għall-pjan ta' rkupru

Il-mudell huwa maqsum fi tliet kapitoli ewlenin. L-ewwel wieħed (A) jipprovdi informazzjoni ġenerali iżda komprensiva dwar l-istituzzjoni, dwar l-istruttura tal-governanza fir-rigward tal-pjan ta' rkupru tal-grupp, kif ukoll jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet ewlenin tal-pjan. It-tieni (B) jinkludi l-qalba tal-pjan ta' rkupru tal-grupp, jiġifieri s-suppożizzjonijiet wara l-lista ta' għażliet disponibbli f'sitwazzjoni ta' kriżi u valutazzjoni tal-eżekuzzjoni u l-impatt tagħhom. It-tielet (C) jidentifika miżuri li l-istituzzjoni tippjana li timplimenta biex tiffaċilita s-segwitu tal-pjan ta' rkupru tal-grupp, l-aġġornament jew l-implimentazzjoni tiegħu fi żminijiet ta' kriżi.

A. Farsa ġenerali

Il-Farsa ġenerali tiffirma parti integrali mill-pjan ta' rkupru. Din għandha tipprovdi sommarju tal-pjan, l-informazzjoni ta' sfond dwar l-istruttura tal-grupp u dwar il-governanza tal-pjan.

a) Sommarju tal-pjan:

F'din it-taqsim, l-istituzzjoni hija mistennija tagħti fil-qosor il-konklużjonijiet ewlenin tal-pjan ta' rkupru tagħha. Is-sommarju għandu jinkludi tal-anqas l-elementi li ġejjin:

- l-elementi prinċipali ppreżentati fit-taqsimiet differenti tal-pjan;
- il-bidliet ewlenin mill-aħħar aġġornament, jekk applikabbli;
- farsa ġenerali lejn il-passi li jeħtieġ li jittieħdu qabel il-finalizzazzjoni/l-aġġornament tal-pjan.

b) Deskrizzjoni tal-grupp:

L-ewwel element ta' din il-parti tal-pjan ta' rkupru hija farsa ġenerali lejn l-istruttura legali tal-istituzzjoni (inklużi l-fergħat sinifikanti), l-attivitajiet tagħha, u l-interdipendenzi bejn l-entitajiet differenti fil-grupp. Din it-taqsim għandha tidentifika l-attivitajiet ewlenin imwettqa mill-istituzzjoni, in-negozji prinċipali li topera, u tagħtihom posthom fl-istruttura legali. Barra minn hekk, għandha tipprovdi farsa ġenerali lejn l-interdipendenzi fil-grupp. Din għandha tinkludi tal-anqas taqsim li tagħti:

- deskrizzjoni ġenerali tal-attivitajiet ewlenin, inkluża diskussjoni tal-istrateġija globali ġenerali tal-istituzzjoni, il-mudell ta' negozju tagħha, l-identifikazzjoni tal-linji ewlenin tan-negozju prinċipali u r-raġunijiet li jappoġġjaw din l-identifikazzjoni, u l-ġurisdizzjonijiet ewlenin li l-istituzzjoni hija attiva fihom.
- immappjar (u deskrizzjoni dettaljata):

-
- ▶ tal-istrutturi legali u operattivi (li għandhom jinkludu wkoll ċart organizzattiva li turi l-unitajiet tan-negożju, l-entitajiet legali li fihom jinsabu dawn l-unitajiet tan-negożju u jitwettqu l-attivitajiet kif ukoll it-tqassim tal-impjegati skont l-unità tan-negożju);
 - ▶ tal-istrutturi legali u finanzjarji (bit-tqassim tad-dħul, il-flussi tal-flus, l-assi likwidi, il-ħtiġiet ta' finanzjament, l-iskoperturi kbar, il-P&L, u l-kapital ta' Grad 1 skont l-entità legali)

L-immappjar m'għandux jinkludi l-entitajiet differenti kollha iżda pjuttost għandu jiffoka fuq il-fergħat u l-entitajiet legali sinifikanti. Fergħa jew entità legali sinifikanti hija definita bħala kwalunkwe entità:

- ▶ li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-profitt tal-grupp jew għall-finanzjament tiegħu, jew li għandha sehem importanti tal-assi jew kapital tiegħu; jew
- ▶ li twettaq attivitajiet kummerċjali prinċipali, linji ta' negożju ewlenin, funzjonijiet kritiċi; jew
- ▶ li twettaq b'mod ċentrali funzjonijiet prinċipali operattivi, ta' riskju jew amministrattivi (eż. IT); jew
- ▶ li għorr riskji sostanzjali li jistgħu, fl-aġar sitwazzjoni possibbli, jipperikolaw is-sopravivenza tal-grupp; jew
- ▶ li ma tistax tiġi eliminata jew likwidata mingħajr ma toħloq riskju kbir għall-grupp kollu; jew
- ▶ li hija importanti għall-istabilità finanzjarja tal-pajjiż li topera fih.

M'hemmx bżonn li tingħata informazzjoni dettaljata dwar l-entitajiet li m'għandhomx impatt materjali fuq l-operazzjonijiet, l-istruttura kapitali jew il-governanza tal-grupp u li mhumiex sistematikament importanti fil-pajjiż li jinsabu fih.

- ▶ deskrizzjoni tar-rabtiet finanzjarji fi ħdan il-grupp bejn l-entitajiet legali differenti. Dan jinkludi diskussjoni tal-esponimenti materjali kollha eżistenti u r-relazzjonijiet ta' finanzjament fi ħdan il-grupp, deskrizzjoni tal-mobilità tal-kapital fil-grupp, kif ukoll tal-garanziji fi ħdan il-grupp kemm fi żminijiet normali kif ukoll ta' kriżi.
- ▶ deskrizzjoni tal-funzjonijiet kritiċi jew sistematikament rilevanti mwettqa mill-grupp. Dan jirrigwarda primarjament il-funzjonijiet esterni, bħas-sistemi ta' ħlas u servizzi pprovduti lill istituzzjonijiet oħra, iżda jinkludi wkoll funzjonijiet ċentralizzati li huma kritiċi għall-grupp, bħat-teżor, il-ġestjoni kollaterali, l-IT, l-aċċess għall-infrastrutturi tas-suq (bħala riċevitur kif ukoll bħala fornitur), dawk amministrattivi, operattivi u l-esternalizzazzjoni.

c) *Diskussjoni tal-governanza interna*

Diskussjoni tal-governanza interna fir-rigward tad-disinn tal-pjan ta' rkupru, il-proċess ta' approvazzjoni u l-proċess ta' governanza fil-każ li jeħtieġ jiġi implimentat f'sitwazzjoni ta' kriżi. Din it-taqsimha għandha tagħti tal-anqas deskrizzjoni ta':

- kif il-pjan ġie żvilupp: inkluż l-identifikazzjoni tal-persuni responsabbli mill-iżvilupp tat-taqsimiet differenti tal-pjan, diskussjoni ta' kif il-pjan huwa integrat u inkorporat fil-qafas ta' governanza korporattiv u l-qafas ġenerali tal-ġestjoni tar-riskji tal-grupp b'kunsiderazzjoni tal-aptit għar-riskju tal-grupp, (u tar-rabtiet potenzjali mal-qafas tal-ittejtjar tal-istress tal-grupp).

-
- min approva l-verżjoni attwali tal-pjan: inkluż l-involviment tal-maniġment għoli, jekk il-pjan għex ippreżentat lill-awditur intern u/jew estern u/jew lill-kumitat għar-riskju. Għandha tingħata konferma mill-grupp li tgħid li l-pjan ta' rkupru għe approvat mill-Bord tad-Diretturi u/jew mill-Bord Superviżorju.
 - il-governanza tal-għażliet ta' rkupru f'sitwazzjoni ta' kriżi: id-dokument jeħtieġ jispjega kif huwa mfassal il-proċess ta' eskalazzjoni (jekk ikun hemm wieħed). Dan għandu jiddeskrivi wkoll b'mod ċar il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-attivazzjoni tal-pjan. Dan jinkludi diskussjoni dwar min huwa involut f'dan il-proċess, f'liema kundizzjonijiet se jiġi attivat il-pjan, il-proċeduri li jeħtieġ jiġu segwiti, il-kriterji li se jrid jiddeterminaw liema għażla se jra tiġi implimentata, u deskrizzjoni u valutazzjoni ta' kif is-sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni huma ġestiti u jekk dawn humiex kapaċi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa f'qasir żmien.
 - kif l-istituzzjoni beħsiebha taġġorna l-pjan tal-grupp: dan jinkludi deskrizzjoni ta' min huwa responsabbli biex iżomm il-pjan aġġornat, kemm il-darba ser ikun aġġornat il-pjan, u deskrizzjoni tal-proċess fil-każ li l-pjan jeħtieġ jiġi aġġornat biex iwieġeb għal bidliet materjali li jaffettwaw lill-istituzzjoni jew lill-ambjent tagħha.

B. Il-qalba tal-pjan ta' rkupru

L-għan tal-pjan ta' rkupru mhuwiex li jsir tbassir tal-fatturi li jistgħu jwasslu għal kriżi iżda pjuttost li jivvaluta jekk l-għażliet disponibbli biex jiġġieldu kriżi humiex b'saħħithom biżżejjed u jekk in-natura tagħhom hijiex varjata biżżejjed biex jiffaċċjaw firxa ta' xokkijiet ta' naturi differenti. Għaldaqstant, komponent prinċipali tal-pjan ta' rkupru huwa, analiżi strateġika li tidentifika n-negozji ewlenin tal-impriża u tistabbilixxi l-azzjonijiet prinċipali li għandhom jittieħdu fir-rigward tagħhom u l-komponenti li jifdal tal-impriża f'sitwazzjoni ta' stress. Konsistentement ma' dan l-objettiv, dan it-tieni kapitolu għandu l-għan li jipprovdi "menu ta' għażliet" li jikkonsisti f'firxa ta' għażliet ta' rkupru possibbli bħala rispons għall-istress finanzjarju, kemm jekk idjosinkratiku kif ukoll jekk sistematiku, u li jivvaluta l-fattibbiltà u l-impatt tagħhom. Aħna nistennew tal-anqas li għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja f'din it-taqsim.

a) *Farsa ġenerali lejn l-għażliet ta' rkupru*

L-iskop ta' din it-taqsim huwa li tingħata deskrizzjoni ġenerali tal-għażliet ta' rkupru kollha li jistgħu jkunu disponibbli u l-azzjonijiet li jittieħdu sabiex jippermettu li dawn l-għażliet ikunu jistgħu jitwettqu kmieni (jiġifieri meta l-indikaturi ta' rkupru jimmaterjalizzaw). Il-paragrafi sussegwenti mbagħad jivvalutaw sa liema punt dawn l-għażliet ta' rkupru jistgħu jiġu implimentati fix-xenarji/fis-suppożizzjonijiet differenti.

b) *Indikaturi ta' rkupru*

L-indikaturi ta' rkupru jiddeterminaw il-mument ta' żmien meta l-istituzzjonijiet jibdew jikkunsidraw u jiddeterminaw liema għażla ta' rkupru speċifika (jekk hemm) jista' jkollhom japplikaw biex jirreaġixxu għas-sitwazzjoni attwali li tkun immaterjalizzata. Minħabba li kull kriżi hija differenti, l-indikaturi ta' rkupru ma jattivawx awtomatikament għażla ta' rkupru speċifika iżda pjuttost identifikazzjoni bikrija tal-aħjar mod 'il quddiem bil-pjan ta' rkupru. Dawn m'għandhomx jiġu mifhuma bħala limiti li jwasslu għal reazzjoni obbligatorja identifikata minn qabel iżda pjuttost bħala l-punt fiż-żmien li fih l-effiċjenza tad-diversi għażliet ta' rkupru tiġi vvalutata mill-ġdid u l-implimentazzjoni potenzjali tagħhom tiġi prevista. L-indikaturi ta' rkupru għalhekk huma parti prinċipali tal-proċess ta' eskalazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet. F'din il-parti tal-pjan ta' rkupru l-istituzzjoni għandha ttiprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar kif l-indikaturi ta' rkupru huma inkorporati fl-oqsfa ta' ġestjoni tar-riskju ġenerali tal-istituzzjoni u kif l-indikaturi ta' rkupru huma allinjati mal-iskattaturi eżistenti tal-pjan ta' kontinġenza tal-likwidità jew tal-kapital kif ukoll allinjati mal-qafas tal-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni.

L-istituzzjoni hija mistennija tispeċifika dawn l-indikaturi ta' rkupru speċifiċi (inklużi l-eżempji u l-metrika), b'mod partikolari, l-istituzzjoni għandha tiddetermina l-indikaturi ta' rkupru kwantitattivi jew kwalitattivi:

- relatati mal-pożizzjoni ta' solvenza tagħha

- relatati mal-pożizzjoni ta' likwidità tagħha
- relatati mx-xenarji ta' stress u d-deterjorament tal-kundizzjonijiet li topera fihom

c) *Suppożizzjonijiet u xenarji*

L-objettiv ta' din it-taqsimha huwa li l-istituzzjoni tiddefinixxi diversi xenarji ta' stress u li tipprova tivvaluta l-impatt potenzjali tagħhom. L-objettiv ta' din it-taqsimha mhuwiex li tiġi identifikata l-kriżi li jmiss iżda, pjuttost, li jiġi ddefinit sett ta' xenarji li taħthom tiġi vvalutata l-effiċjenza tal-għażliet differenti ta' rkupru. Dan jippermetti l-ittestjar tas-sensittività tal-effiċjenza tal-għażliet ta' rkupru differenti, li jeħtieġu jkunu adattati biex jiksibu l-għanijiet tagħhom (jiġifieri biex jerġgħu jagħtu l-vijabbiltà fuq perjodu ta' żmien twil) anki f'sitwazzjonijiet differenti mix-xenarji u s-suppożizzjonijiet identifikati.

L-istituzzjoni hija mistennija li tispjega diversi xenarji li għandhom ikopru tal-anqas it-tipi ta' stress finanzjarju li ġejjin (f'kull każ, l-istituzzjoni hija meħtieġa tagħmel distinzjoni bejn stress finanzjarju li javvanza bil-mod u dak li javvanza bl-għaġla):

- ▶ Xokk idjosinkratiku
- ▶ Xokk sistematiku
- ▶ Kombinazzjoni ta' dawn

Kull wieħed mix-xenarji meqjusa għandu jkun sever biżżejjed li jkollu impatt negattiv serju fuq l-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tagħmel xenarji meqjusin bħala rilevanti biex jiskattaw diversi għażliet ta' rkupru fil-pjan ta' rkupru u li temmen li jistgħu jsejtnu.

L-istituzzjoni hija mistennija li tipprova tivvaluta l-impatti fuq kull wieħed minn dawn ix-xenarji fuq is-solvenza, il-likwidità, il-finanzjament, il-profittabilità, u l-operazzjonijiet tal-entitajiet, in-negozji ewlenin, eċċ, identifikati fid-deskrizzjoni organizzattiva (Taqsimha A).

d) *Għażliet ta' rkupru*

Din it-taqsimha telenka u tivvaluta l-għażliet ta' rkupru differenti. L-għażliet ta' rkupru mhumiex miżuri tan-negozju bħas-soltu iżda għandhom ikunu ta' natura straordinarja. L-għażliet li jistgħu jiġu kkunsidrati jinkludu rikapitalizzazzjoni esterna, id-divestiment tal-assi, tas-sussidjarji, jew tal-unitajiet tan-negozju, jew tal-istituzzjoni sħiħa, ristrutturazzjoni volontarja tar-responsabbiltajiet, tnaqqis fid-daqs tal-karta tal-bilanċ, jew tisħiħ tal-pożizzjoni ta' likwidità. Għal kull għażla ta' rkupru identifikata, l-istituzzjoni hija mistennija li tiddekrivi l-miżura f'mod ġenerali u li tidentifika l-ostakli possibbli għall-implimentazzjoni tagħha. Barra minn hekk, l-istituzzjoni hija mistennija li tipprovdi l-analiżi li ġejja għal kull għażla:

- **Valutazzjoni tal-impatt** tal-għażliet ta' rkupru li tinkludi tal-anqas valutazzjoni ta' dan li ġej:
 - ▶ l-impatt finanzjarju u operattiv: jiġifieri l-impatt previst fuq il-pożizzjonijiet ta' solvenza, ta' likwidità, u ta' finanzjament, fuq il-profittabilità u fuq l-operazzjonijiet. Dan l-impatt għandu jiġi

vvalutat tentativament f'sitwazzjoni normali u f'xenarji differenti ta' stress. Barra minn hekk, għandu jidentifika b'mod ċar l-entitajiet differenti tal-grupp li jistgħu jiġu affettwati mill-għażla jew involuti fl-implimentazzjoni tagħha.

- ▶ L-impatt estern: L-impatt previst fuq funzjonijiet kritiċi jew sistematikament rilevanti mwettqa mill-istituzzjoni kif ukoll fuq il-parteċipanti l-oħra tas-suq, il-klijenti, l-impjegati, il-kredituri u l-azzjonisti.

Il-valutazzjoni tal-impatt għandha ssemmi b'mod ċar is-suppożizzjonijiet ta' valutazzjoni u s-suppożizzjonijiet l-oħra kollha li jsiru, li jikkonċernaw fost affarijiet oħra l-potenzjal tal-bejgħ tal-assi, l-imġiba ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, eċċ.

- **Valutazzjoni tar-riskju:** għal kull għażla, l-istituzzjoni hija mistennija li tagħmel analiżi tar-riskju assoċjati magħha. Din tinkludi kemm ir-riskji li l-għażla ma tkunx tista' tiġi implimentata (fattibbiltà) u r-riskju li jirriżulta mill-implimentazzjoni tagħha (konsegwenzi sistematiċi):

- ▶ Fattibbiltà: l-istituzzjoni għandha tipprova tweġiba għall-mistoqsijiet li ġejjin: (i) x'inhi r-rata ta' suċċess stmata fuq skala, u għalfejn; (ii) liema fatturi jistgħu jnaqqsu l-effikaċja tagħha u kif jistgħu jittaffew, (iii) liema fatturi jagħmlu l-implimentazzjoni tal-għażla impossibbli. Dawn il-fatturi għandhom tal-anqas jikkunsidraw ir-riskji legali, operattivi, tan-negozju, finanzjarji u ta' reputazzjoni (inkluż ir-riskju ta' tnaqqis tal-klassifikazzjoni).

Il-bank huwa mistieden ukoll jiddiskuti l-esperjenza potenzjali tiegħu fit-tweqqif ta' tali għażla jew oħrajn simili.

- ▶ Konsegwenzi sistematiċi: l-istituzzjoni għandha tidentifika kwalunkwe implikazzjoni potenzjali għas-sistema kollha assoċjati mal-implimentazzjoni tal-għażla, kif ukoll l-impatt tagħha fuq kwalunkwe riżoluzzjoni futura fil-każ li l-għażliet ta' rkupru ma jkunux effettivi.

Meta jiġu identifikati ostakli jew diffikultajiet sostanzjali, l-istituzzjoni hija mistiedna tiddekrivi s-soluzzjonijiet biex tegħleb dawn il-problemi potenzjali.

- **Il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet:** l-istituzzjoni teħtieġ tiddekrivi l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet intern fil-każ li l-għażla tkun teħtieġ tiġi implimentata, inklużi l-passi li għandhom jittieħdu, il-ħin u l-partijiet involuti, sal-punt tal-implimentazzjoni tal-għażla. Jekk ma jkunx hemm ċertezza dwar il-ħin, jistgħu jingħataw stimuli ta' firxiet, flimkien mar-referenza għall-fatturi li jistgħu jaffettwaw lil dawn il-firxiet.

e) *Pjan ta' kontinġenza operattiv*

Għal kull waħda minn dawn l-għażliet ta' rkupru l-istituzzjoni hija mistennija li tipprova pjan ta' kontinġenza operattiv, li jispjega kif il-kontinwità tal-operazzjonijiet tagħha tista' titkompla f'fażi ta' rkupru jekk tiġi implimentata l-għażla ta' rkupru. Dan jinkludi tal-anqas analiżi kemm tal-operazzjonijiet interni tagħha (eż. is-sistemi tal-IT tagħha, il-fornituri tagħha, u l-operazzjonijiet tar-riżorsi umani tagħha) kif ukoll l-aċċess tagħha għall-infrastruttura tas-suq (eż. l-faċilitajiet ta' kklerjar u ta' saldu, is-sistemi ta' pagamenti, ir-reqwiżiti addizzjonali f'termini ta' kollateral).

Fejn l-għażla tinvolvi s-separazzjoni ta' entità mill-grupp, l-istituzzjoni hija mistennija li turi li l-entitajiet separati jistgħu jkomplu joperaw mingħajr kwalunkwe appoġġ mill-grupp.

f) *Pjan ta' komunikazzjoni*

L-istituzzjoni hija mistennija li tipprovdi pjan ta' komunikazzjoni dettaljat kif ukoll analiżi ta' kif dan il-pjan ta' komunikazzjoni jista' jiġi implimentat f'fażi ta' rkupru u għal kull waħda mill-għażliet ta' rkupru differenti, li tipprovdi valutazzjoni tal-impatt potenzjali fuq in-negozju u l-istabilità finanzjarja b'mod ġenerali.

Dan il-pjan ta' komunikazzjoni għandu jindirizza:

- kemm il-komunikazzjoni interna lill-persunal, lit-trejdjunjins, eċċ.; kif ukoll
- il-komunikazzjoni esterna lill-azzjonisti, lill-kontrapartijiet, lis-swieq finanzjarji/lill-investituri, lill-infrastrutturi tas-suq, lill-pubbliku/depożituri, u lill-awtoritajiet (inkluż il-kulleġġ superviżorju)

g) *Ġestjoni tal-informazzjoni*

L-istituzzjoni hija mistennija li tiddeskrivi l-politika ġenerali tagħha fir-rigward tal-ġestjoni tal-informazzjoni. B'mod partikolari, l-istituzzjoni għandha tiddeskrivi kif il-grupp jiżgura li l-informazzjoni ġusta tkun disponibbli f'perjodu ta' żmien qasir għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'sitwazzjoni ta' stress. Kull għażla ta' rkupru teħtieġ analiżi speċifika li fiha l-istituzzjoni għandha tiddefinixxi l-ħtiġiet ta' informazzjoni speċifiċi għal din l-għażla u għandha turi l-kapaċità tagħha li twassal l-informazzjoni meħtieġa.

Barra minn hekk, il-bank għandu jiddeskrivi wkoll kif jista' jipprovdi, f'sitwazzjoni ta' kriżi, u f'waqtha, l-informazzjoni li hija meħtieġa għall-awtoritajiet biex jivvalutaw is-sitwazzjoni. Informazzjoni bħal din tinkludi pereżempju:

- l-esponimenti attwali bejn il-grupp permezz ta' garanziji u self bejn il-grupp;
- in-negozji attwali riservati abbażi ta' wieħed wara l-ieħor;
- l-ammonti attwali tal-assi likwidi fil-bank prinċipali u fis-sussidjarji;
- l-attivitajiet li mhumiex fuq il-karta tal-bilanċ;
- l-akbar esponimenti attwali tal-bank lejn istituzzjonijiet finanzjarji oħra kif ukoll korporazzjonijiet.

C. Segwitu

Il-pjan ta' rkupru mhuwiex biss pjan iżda proċess sħiħ li għandu jkun integrat fil-governanza tal-istituzzjoni. L-esperjenza tista' teħtieġ bidliet fl-organizzazzjoni kemm biex jiġi ffaċilitat l-aġġornament tal-pjan u l-implimentazzjoni tiegħu fil-futur, sabiex jiġu mmonitorjati l-indikaturi ta' rkupru, kif ukoll minħabba li l-proċess ikun identifika ċerti impedimenti li jikkumplikaw l-implimentazzjoni tal-għażliet ta' rkupru. L-organizzazzjoni probabbli jkollha taħseb dwar azzjonijiet korrettivi jew ta' segwitu. L-objettiv ta' din it-taqsimha huwa li tiddeskrivi preċiżament dawn l-azzjonijiet. Il-miżuri li ġejjin għandhom jingħataw kunsiderazzjoni fl-abbozzar ta' din it-taqsimha:

- Miżuri preparatorji li jstgħu jittieħdu minn qabel għal eżekuzzjoni b'suċċess tal-għażliet ta' rkupru (eż. it-tqassir taż-żmien ta' eżekuzzjoni, il-massimizzazzjoni tal-benefiċċju)
- L-oqsma li jeħtieġu titjib (inklużi suppożizzjonijiet ġodda, għażliet ġodda ta' rkupru, bidliet fl-organizzazzjoni tal-grupp/istituzzjoni, il-governanza, it-taħriġ tal-persunal, eżerċizzji ta' simulazzjoni, eċċ.)

Għal kull miżura ta' segwitu jew korrettiva, l-istituzzjoni hija mistennija li tispeċifika r-raġuni għalfejn il-miżura qiegħda tkun ikkunsidrata u l-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni.

4. Feedback dwar il-konsultazzjoni pubblika

Fir-rigward tar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-EBA li jitwettaq proċess ta' konsultazzjoni pubblika miftuħ qabel il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni, għandu jittfakkar li diġà ġie ppubblikat Dokument ta' Diskussjoni (DP) tal-EBA dwar l-istess suġġett u li l-partijiet interessati pprovdew il-kummenti tagħhom, li huma ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA u huma parzjalment riflessi fil-mudell rivedut mehmuż mar-rakkomandazzjoni. Minħabba li l-Artikolu 16 jispeċifika li l-konsultazzjoni għandha titwettaq "*meta jkun xieraq*" (ara l-Artikolu 16(2) tar-Regolament dwar l-EBA), u meta wieħed iqis li l-opinjoni espressi fid-Dokument ta' Diskussjoni tal-EBA mill-partijiet interessati huma fil-maġġoranza tagħhom pożittivi u li l-kummenti li ġew ivvalutati bħala aktar xierqa issa huma riflessi fil-mudell rivedut, l-EBA ikkonkludiet li ma jkunx xieraq li twettaq konsultazzjoni pubblika oħra miftuħa. Tabilħaqq, il-mudell mehmuż kien is-suġġett tad-Dokument ta' Diskussjoni msemmi hawn fuq u għalhekk konsultazzjoni pubblika mhix sejra tipprovi xi valur miżjud, filwaqt li ddewwem il-ħruġ tar-rakkomandazzjoni u t-tnedija tal-eżerċizzju fl-Ewropa kollha.

5. Konferma tal-konformità mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet

Data:

Stat Membru/Stat taż-ŻEE:

Awtorità kompetenti:

Linji gwida/rakkomandazzjonijiet:

Isem:

Pożizzjoni:

Numru tat-telefown:

Indirizz elettroniku:

Jien awtorizzat nikkonferma l-konformità mal-linji gwida/mar-rakkomandazzjonijiet f'isem l-awtorità kompetenti tiegħi: **Iva**

L-awtorità kompetenti tikkonforma jew bi f'siebhha tikkonforma mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet:

Iva **Le** **Konformità parzjali**

L-awtorità kompetenti tiegħi ma tikkonformax, u mhix bi f'siebhha tikkonforma, mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet għar-**raġunijiet**¹ li ġejjin:

Detalji tal-konformità parzjali u r-raġunijiet:

Jekk jogħġbok ibgħat din in-notifika lil compliance@eba.europa.eu².

1 Fil-każijiet ta' konformità parzjali, jekk jogħġbok inkludi l-estent tal-konformità u ta' nuqqas ta' konformità u pprovdli r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità għall-oqsma ta' suġġetti rispettivi.

2 Jekk jogħġbok innota li metodi oħrajn ta' komunikazzjoni ta' din il-konferma ta' konformità, bħal komunikazzjoni lil xi indirizz elettroniku differenti minn dak imsemmi hawn fuq, jew permezz ta' posta elettronika li ma fihix il-formola meħtieġa, mhumiex sejrjn jitqiesu validi.